Noel D'Anastas – ndanastas@gmail.com

# Fabrizio Faniello jirbaħ il-Konkors Kanzunetta Indipendenza



Il-Ħamis li għadda, fuq il-Fosos tal-Furjana ttella' t-22 edizzjoni tal-Konkors Kanzunetta Indipendenza. Preżentat minn Mark Azzopardi u Christine Haber, twassal festival tajjeb fejn fih ħareġ rebbieħ Fabrizio Faniello bil-kanzunetta *Aħfirli Jekk Trid* miktuba minn Minik u Rita Pace. Fil-jiem li ġejjin din se tkun mahruġa fuq l-*iTunes*, l-ewwel kanzunetta li rebħet festival lokali li se tkun maħruġa fis-suq diġitali.

L-istess awturi kisbu wkoll l-unur fit-tieni kanzunetta klassifikata, *Mieghek Hemm Jien*, interpretata minn Neville Refalo. Nicole Brincat ġiet klassifikata fit-tielet post b'*Hallini Nghidlek* miktuba minn Minik u Stephen Baldacchino.

Suċċess kbir ukoll kien għal Domenique li ħadet l-*award* għall-aħjar prestazzjoni u l-unur tat-*televoting*. Domenique kantat il-kanzunetta *B'Harsitna 'l Fuq* ta' Mark Spiteri Lucas u Paul Ellul. Il-kantanti promitenti Kimberly & Lyann rebħu l-kategorija tat-talent żagħżugħ, miktuba minn Minik u Lyann.

Il-festival li kien trażmess dirett fuq Net TV kellu lill-mistiedna speċjali Gianluca Bezzina, Deborah C, bħala r-rebbieħa tas-sena l-oħra, Annalise Dance Studio u l-Ingliż James Knight u l-kantant Sqalli Hesael.



(Fuq): Fabrizio Faniello jiċċelebra wara r-rebħa. Fir-ritratt iż-żgħir jidher mal-awtur Minik u, fl-isfond, is-Segretarju Ġenerali tal-PN Chris Said

# Interpretazzjonijiet brillanti f'Rockestra

Rockestra 2013, il-ħames u l-aħħar edizzjoni taħt il-presidenza ta' George Abela, rat l-akbar attendenza minn kemm ilha tkun imtellgħa. Madwar 12-il elf ruħ imlew l-MFCC biex segwew dan il-kunċert li l-għan tiegħu huwli jgħin lill-*Community Chest Fund.*

Minn jiem qabel, il-biljetti kienu diġà mibjugħa, konferma kemm minn sena għal oħra dan l-ispettaklu, b'uħud mill-aqwa esponenti mużikali lokali, kompla dejjem kiber. L-atmosfera kienet waħda elettrifikanti.

B'ħoss mill-aqwa, spettaklu ta' dawl u l-mużika mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali taħt id-direzzjoni tas-Surmast bravu Sigmund Mifsud, twasslu interpretazzjonijiet brillanti ta' whud mill-aqwa klassiċi tal-istorja tal-mużika rock, bl-eluf ikantaw u jieħdu buzz.

Bla dubju, siltiet bħal *Bohemian Rhapsody* tal-Queen, *Perfect Stranger* tad-Deep Purple, *Iron Man* tal-AC/DC u oħrajn minn Pink Floyd, U2, Alanis Morisette kont qisek qed tistenna li t-tinda tinqasam! L-arranġamenti kienu raffinati u brillanti. L-orkestra u l-*band* kienu ċelebrità. Nieqes mill-ispettaklu kienu l-*projections* li fis-snin preċedenti kienu ta' attrazzjoni kbira iżda fil-grinta tal-atmosfera ma nħassux.




Reġgħet kienet lejla indimentikabbli għal bosta kantanti, ħafna minhom magħrufa, oħrajn forsi anqas mill-aspett tal-popolarità tal-massa, iżda t-talent hu kbir. Spikkaw ukoll l-elementi vokali ta' bosta *bands* lokali ta' stoffa. Fosthom Ira Losco, Kevin Borg, Moira & Chris, Raquela, Sabrina, Raquela, Fiona Cauchi, Michaela, Ludwig Galea, Lawrence Gray, Kenneth Calleja (Beheaded), Chris Grech (Twenty-Six Other-Worlds), Errol Sammut (Airport Impressions), Daryl Ebejer (12th Ode) u Pawlu Borg Bonaci (Fakawi) li ħaqqu kull mertu fl-organizzazzjoni tajba ta' dan il-manifest.

Ivan Grech tal-Winter Moods fakkar lil tliet mużiċisti li mietu matul ix-xhur li għaddew, Val Valente, Steve Borg tal-Purple Haze u Frank Camilleri 'il-Bibi', filwaqt li Daniel Cauchi interpreta l-unika silta bil-Malti *Il-Kaċċatur* ta' Joe Grech.

Rockestra 2013 kienet imtappna bl-injoranza grassa ta' xi whud fl-ibbuwjar f'sentiment politiku. Il-polz politiku, hu x'kulur hu, m'għandux jitħallat fil-mużika u d-divertiment, wisq aktar meta dan isir bf'għan nobbli.

Nistennew x'se jkun l-andament ta' sena oħra, iżda qed jingħad li n-'Night of the Proms' lokali kienet tal-aħħar. Tkun tassew ħasra!